**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 20 TA' NOVEMBRU, 2001**

**Numru: 2**

**Avviz Nru: 642/01 AE**

**Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom tal-kumpannija estera Royal & Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Vincent Abdilla u l-istess Vincent Abdilla.**

**vs**

**Joseph Spiteri.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mitejn u tlett liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm203.28), danni sofferti in kwantu ghal tlieta u hamsin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm53.28) dovuti lis-socjeta attrici u mija u hamsin lira Maltija (Lm150) dovuti lill-konvenut, u dan in konnessjoni ma' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-18 ta' Frar 2000

gewwa Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex bejn il-vettura numru NFS 2000 u l-vettura bin-numru JOE 762 liema incident sehh minhabba tortijiet imputabbli lill-attur.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut (fol. 6) li permezz taghha ecepixxa li l-incident tat-traffiku sehh minhabba tortijiet imputabbli lill-attur.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti tal-kawza nkluz il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2001 li permezz tieghu l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra:

1. Il-kaz jirreferi ghall-incident tat-traffiku li sehh gewwa Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex bejn il-vettura misjuqa minn Emanuel Abdilla (Opel bin-numru NFS 200) u l-vettura misjuqa mill-konvenut (JOE 762).

2. It-Tribunal ghandu quddiemu zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin. Huwa stabbilit li f'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga grat b'tort tal-konvenut irid jipprova li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-provi l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li dak li gara kien tort tal-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ikun tal-attur imma sempliciment ghaliex ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bhala bazi ta' l-azzjoni tieghu.

3. Mill-provi rrizulta li l-konvenut kien ghaddej minn Triq Abate Rigord, Ta’ Xbiex u ried idur fuq il-lemin tieghu sabiex jidhol gewwa Triq il-Qoton, Ta’ Xbiex.

4. Mill-iskizz li sar mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz (fol. 22) jidher bic-cjar li waqt li l-konvenut kien ghaddej minn Triq Abate Rigord, qata’ fil-qasir u qasam sabiex jidhol gewwa Triq il-Qoton. Is-sewwieq tal-vettura bin-numru NFS 200 qal li l-karrozza kienet ipparkjata fuq in-naha l-ohra ta’ Triq Abate Rigord. Meta l-konvenut gie biex idur ghal gewwa Triq il-Qoton huwa kkalkola hazin u mess il-vettura Opel li sa dak il-hin kienet ghadha wieqfa.

5. Ir-ritratt li gie ezebit mis-socjeta attrici (Dok. EA1) tal-hsara li saret fuq il-vettura tal-marka Opel Astra, jikkonforta t-tezi ta’ l-atturi. Minn dan id-dokument jidher li l-hsara li saret fil-bumper (li bil-mod li huwa dizinjat johrog iktar il-barra mill-parti ta’ quddiem tal-vettura) kien jikkonsisti fi brix. Brix li jidher ukoll fil-gemb, fil-parti tax-xellug, tal-vettura. Fil-fehma tat-Tribunal dan jindika li waqt li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet qeghda ddur ghal gewwa Triq il-Qoton kien hemm kuntatt bejn iz-zewg vetturi. Kieku kif ighid il-konvenut fil-hin ta’ l-incident il-vettura Opel Astra kienet miexja u bil-parti ta’ quddiem baqghet diehla fil-vettura tal-konvenut:

   (a) il-hsara fuq il-bumper ma kenitx tkun limitata ghall-brix;

   (b) Fil-gemb tal-vettura ma kienx jigi riskontrat brix.

6. Min-naha l-ohra wiehed ma jistax ma josserevax li l-vettura ta' l-attur kienet ipparkjata kontra t-*traffic flow* u fil-kantuniera. Madankollu ghalkemm dan l-atteggjament huwa censurabbli, fil-fehma tat-Tribunal il-kawza prossima ta' l-incident kienet il-manuvra li ghamel il-konvenut meta gie biex idur ghal gewwa Triq il-Qoton. Mill-iskizz li sar mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz jirrizulta li l-manuvra li ghamel il-konvenut sabiex jidhol fi Triq il-Qoton, Msida kienet ukoll ta' periklu ghall-vetturi li kienu hergin minn Triq il-Qoton ghal fuq Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex. Il-fatt li f'dawk l-inhawi hemm triq laterali (Triq il-Haleg) ma' Triq il-Qoton ma kienx jiggustifika lill-konvenut li jaqta' fil-qasir kif ghamel biex jidhol ghal gewwa Triq il-Qoton.

7. Fir-rigward tad-danni reklamati mill-atturi, fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2001 gie ddikjarat mill-konvenut *"li mhix qed issir kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni mitluba"*.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed ghar-ragunijiet fuq premessi jilqa' t-talba attrici u:

(1)Jiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fit-18 ta' Frar 2000 gewwa Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex;

(2) Jikkundanna lill-konvenut jhallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u tlett liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm203.20) in lineja ta' danni.

Bl-ispejjez (ghat-tenur ta’ l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**